# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-LIĊEJ TAŻ-ŻGĦAR 2007

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IT-TIENI KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ________________________________________ Klassi: _________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TA' L-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F(i)** | **F(ii)** | **Ġ** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 6 | 24 | 5 | 6 | 6 | 14 | 19 | 20 | 100 |
| **Marki ta' l-istudent/a** | | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.



Kien il-Ħadd wara nofsinhar u aħna t-tfal konna qegħdin nilagħbu l-ballun fit-triq. Kienet ġurnata sabiħa u ħafna nies kienu barra fuq l-għetiebi jilagħqu x-xemx ta' April. F'ħin minnhom wieħed mit-tfal, jismu Mario, ta daqqa ta' sieq lil Godwin u f'kemm ili ngħid iż-żewġ subien qabdu f'xulxin u bdew jitmiegħku ma' l-art. Ħadd ma ġie jferraqhom u aħna dorna ċirku madwarhom, ngħajtu qisna qegħdin naraw xi ġlieda bejn żewġ gladjaturi fi żmien il-qawwa ta' l-Imperu Ruman. Godwin kien oħxon u mar minn taħt. (*par.1*)

Mario tah daqqtejn sew u Godwin, bid-demm nieżel minn imnieħru, telaq jiġri lejn id-dar. Ftit wara deher ġej lura ma' nanntu Dolor jew, kif kienu jsibuha ħafna, *tal-bizzilla*, għax kienet taħdem il-bizzilla. Din Dolor kienet mara feroċi, fiha daqsiex u ġlieda tikolha bil-ħobż. Kienet iżżewġet wieħed li kien jagħmel daqs nofsha iżda ħadd ma kien jissogra jitbissem hekk kif jarahom għaddejjin flimkien, għax jekk tinduna Dolor ħoll xagħrek u ġib iż-żejt. Lilha u lil żewġha n-nies kienu laqqmuhom *is-sold u nofs*. Leli, żewġha, kien raġel kwiet u rari kont tarah barra, ħlief meta joħroġ ma' martu jew biex imur iġib il-ħobż mill-forn li kien hemm fit-triq ta' warajna. Mill-bqija ma kienx jirfes mill-għatba 'l barra. Imma Dolor kienet il-maqlub tiegħu. Ġejja u sejra l-Belt u dejjem liebsa mill-aħjar. Lil Godwin kienet tħobbu daqs dawl għajnejha u għalhekk tistgħu tifhmu x'ħasset meta ratu ġej lejn id-dar bid-demm nieżel fuq geddumu. (*par.2*)

Dolor baqgħet sejra dritt fuq Mario li kien baqa' ħdejna, ferħan li kien ta xebgħa lil Godwin. (*par.3*)

Xi ħadd għajjat:
Ara ġejja *tal-bizzilla!*
Iżda Mario ma laħaqx dabbar rasu u Dolor ħatfitu minn xagħru u dawritu għal darba, tnejn sakemm qatgħetu mill-art. (*par.4*)

(silta meħuda minn **Minn Fuq L-Għatba** ta' Charles Casha)

| A. FEHIM IT-TEST | (6 marki) |
|---|---|

1. Mill-ewwel paragrafu ikteb il-frażi li turi li l-awtur kien ukoll wieħed mit-tfal li kienu qegħdin jilagħbu bil-ballun. ____________________ (1)

2. Ikteb it-tixbiha li qiegħed jagħmel il-kittieb fl-ewwel paragrafu. ____________________

____________________ (1)

3. Għaliex taħseb li Godwin deher ġej ma' nanntu Dolor? ____________________

____________________ (1)

4. Għaliex in-nies kienu laqqmu lil Dolor u 'l żewġha Leli *is-sold u nofs*? ____________________

____________________ (1)

5. X'kienet ir-reazzjoni ta' Mario meta ta xebgħa lil Godwin? ____________________ (1)

6. Għaliex Mario, li kieku laħaq, kien idabbar rasu meta sema' li kienet ġejja Dolor?

____________________ (1)

| B. GĦARFIEN IL-LINGWA | (24 marka) |
|---|---|

## (i) ANALIŻI TESTWALI

7. *Mario ta**h** daqqtejn* (*par.2*). Għal min qiegħed jirreferi l-pronom ***h*** fil-verb *tah*? __________ (1)

8. Mit-tieni paragrafu, kif taf li Dolor kienet tħobb ħafna lin-neputi Godwin? ____________________

____________________ (1)

## (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

9. *għal darba, tnejn* (*par.4*) tfisser:

iżjed minn darba - [ ] darba waħda - [ ] (1)

10. Fisser: *jilagħqu x-xemx* (*par.1*) ____________________ (1)

11. Ikteb kelma oħra minflok:

a) *jferraqhom* (*par.1*) ____________________ b) għatba (*par.2*) ____________________ (2)

### (iii) SINTASSI/SENTENZI

12. Kompli s-sentenzi.

a) Jekk tistudja ______________________________________________ (1)

b) Jekk tmur timxi ______________________________________________ (1)

ċ) Li kieku Alice marret tara l-film ________________________________ (1)

d) Li kieku għada jirnexxili nqum kmieni ____________________________ (1)

### (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

Imla l-vojt skond kif mitlub. ( 14-il marka)

| | |
|---|---|
| 13. Ifred il-verb mill-pronom. | 13. jferraqhom - ____________ ____________ |
| 14. Ikteb f'kelma waħda. | 14. a) l-isem tagħha - ______________________<br>b) lagħab lilha - ______________________ |
| 15. Agħżel it-tajba. | 15. a) Rajt ( 'il-,'il,'l) ________ ħbiebi ġejjin.<br>b) (Għal, Għall-, Għal-) _______ Godwin, nanntu kienet importanti. . |
| 16. Biddel in-numri fi kliem. | 16. a) Kurt u Moira kienu l-uniċi (2) ________ li ma marrux għal (4) ___________ ijiem Sqallija ma' ta' l-iskola.<br>b) Riedu jbigħu s-(7) ____________ pitturi sad-(9) ______________ ta' filgħaxija.<br>ċ) Fit-tiġrija Mark ġie fit-(12) __________ post.<br>d) Għall-eżami qagħdu (200) ___________ student u studenta. |
| 17. Mir-raba' paragrafu sib verb moħfi. | 17. _____________________ |
| 18. Aqleb fin-negattiv. | 18. Jiena bqajt. – Jiena ______ ___________ |
| 19. Agħti l-imperattiv plural ta': dabbar | 19. ____________________ intom |

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (5 marki)

### Idjomi u Qwiel

1. Mit-tieni paragrafu ikteb idjoma li turi li Dolor kienet mara ġellieda.________________________

2. Wieħed li ma jitkellimx ħafna ngħidu li għandu ________________________________________

3. Ikteb sentenza bl-idjoma: Alla m'għamlu. ____________________________________________

______________________________________________________________________________

4. Fisser il-qawl: Aħsibha qabel tagħmilha = __________________________________________

5. Ikteb il-qawl li jaqbel ma' din it-tifsira:

Iktar ma nikbru, iktar niksbu għerf u esperjenza. = ______________________________________

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (6 marki)

Fil-forma ta' paragrafu ta' madwar sittin kelma, agħti sitt istruzzjonijiet dwar x'għandhom iġibu u x'għandhom jagħmlu ż-żewġ kuġini li ġejjin iqattgħu ġimgħa għand il-familja tiegħek fid-dar tal-villeġġjatura matul il-vaganzi tas-Sajf.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

## E.TIFTIX -TRAWWIM KULTURALI – SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA (6 marki)

F'madwar sittin kelma agħti tagħrif dwar ix-xogħol ta' wieħed mill-personaġġi Maltin li ta sehmu f'xi qasam tal-kultura Maltija.

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

## F. (i) LETTERATURA - POEŻIJA - NADRIET 2 (14-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

**A.** Wieġeb.

| | |
|---|---|
| 1. Alla mar jaqta'<br>bajtra mill-qalb tax-xħiħ,<br>u mtela xewk. | 1. Fisser il-ħsieb ta' dan il-ħajku ta' Anton Buttigieg.<br>________________________________________<br>____________________________________ (1) |
| 2. Fuq għoljitek, Gelmus, irrid nitla',<br>Fuq għoljitek naf ninsa kull hemm | 2. Liema hemm irid jinsa Ġorġ Zammit fil-poeżija *Gelmus*?<br>________________________________________<br>____________________________________ (1) |
| 3. Fejn hu l-Paternoster,<br>nann …?<br>u l-kafe` fl-istanjata<br>jgħanni | 3. *It-Tokki Tal-Paternoster* ta' Achille Mizzi hija poeżija moderna jew tradizzjonali?<br>______________________ (1) |
| 4. Kull fl-għaxija xħin id-dalma<br>tifrex tulha u l-ħajja tnin,<br>minn ġo knisja mwarrba, siekta,<br>jidwi leħen. Ilu s-snin | 4. Ikteb il-kelmiet li qegħdin jirrimaw fil-*Ballata* ta' Rużar Briffa.<br>____________ ____________ (1) |
| 5. U ħsiebi jerġa' lura lejn il-ġrajja<br>ta' min għalina kien bil-bosta ħati,<br>u nħoss għaddejja l-Mewt minn fuq Wied Qirda | 5. Is-sunett *Wied Qirda* ta' Dun Karm huwa sunett (Petrarkan, Shakesperjan)<br>____________________________ u fih<br>_________________________ -il vers.<br>Il-vers tal-ħdax jissejjaħ<br>________________________________. (3) |

6. F'madwar għoxrin kelma ikteb **biss** dwar il-ħolma li kellu l-barri fil-poeżija *Il-Barri* ta' Ġorġ Pisani.

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (4)

**B.** **Aktar Nadriet Poetiċi**

| |
|---|
| *Fil-Menqa* ta' Ġorġ Peresso, *Lejl tat-Tfulija* ta' Ġorġ Borġ, *Il-Ħajt tas-Sejjieħ* ta' Rena Balzan, *Univers Ieħor* ta' Dun Karm, *Marsaxlokk* ta' Charles Flores |

Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista u, f'madwar għoxrin kelma, ikteb il-messaġġ li ried jgħaddi l-poeta.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________ (3)

## F. (ii) LETTERATURA - PROŻA (19-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

**A.** Irriga l-aġġettivi li qegħdin jiddeskrivu l-karattri f'dawn in-novelli fil-ktieb **Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit.

1. Malli jasal Franswa` kulħadd madwaru... kien fih ħarsa, twil, irqajjaq, wiċċ mimli... (3)

2. Pina kienet…mara bieżla. (1)

3. Fl-istorja *Ferħa Bla Temma* naqraw li s-sur Kelin kellu…wiċċu dejjem imqarras. Id-dar kellu l-mara, qaddisa żgħira, dejjem sejra lejl u nhar… (2)

4. Agħżel storja **WAĦDA** minn *Franswa`, Pina, Ferħa Bla Temma,* u f'madwar erbgħin kelma, irrakkonta l-ġrajja.

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________(5)

**B. Ħolm tal-Milied?** ta' Trevor Żahra

Agħżel **WAĦDA** u wieġeb f'madwar mitt kelma.

1. Irrakkonta dwar l-esperjenza li kellha Liża matul il-lejl u dwar il-ħsibijiet li bdew għaddejjin minn moħħha l-għada filgħodu.

**JEW**

2. “Fejn se mmorru?” staqsa Leli lix-xiħa. “Kull sena x-xiħ joħroġ idoqq ma’ sħabu.” Ikteb dwar il-laqgħa ta’ Leli u x-xiħ ma’ Nenu l-Grawwa u d-daqqaqa l-oħra sakemm daħlu lura d-dar għajjenin mejta.

______________________________________________________________________________ (8)

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 250 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta separata)

1. Inti ħlomt li qiegħed/qiegħda f’post lil hinn minn din id-dinja. Iddeskrivi dan il-post u ikteb dwar dak li għaddejt minnu.
2. Waslet il-festa tagħna! Ikteb dwar dak li jogħġbok u ma jogħġbokx meta tasal il-festa.
3. Ikkummenta dwar il-karattri ta’ xi ħbieb tiegħek.
4. Fl-aħħar, il-vaganzi magħna! Kif se nqatta’ dawn ix-xhur Sajfin.
5. Mort l-ajruport biex nilqa’ z-zijiet u…